MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Numru. 34/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Geoffrey Azzopardi]**

**vs**

**Raad Elely**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raad Elely detentur tal-karta tal-identita` numru 62250(A) .

Akkuzat talli fix-xhur ta’ qabel d-9 ta’ Jannar 2012 f’dawn il-Gzejjer:
1. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ghen jew assista lil persuna ohra biex toqghod gewwa Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew heba jew ta kenn lil xi persuna li kien jaf jew kellu tassew ghax jahseb li kienet f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 32 (1) (a) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni ta jew gieghel li tinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti foloz bi ksur tal-Artikolu 32 (1) (c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. minghajr awtorita leggittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument iffalsifikat, mehtieg ghall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 32 (1) (f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. uza jew kien fil-pussess ta' passaport li huwa kien jaf li huwa mbaghbas bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat l-ezami tal-imputat li kien wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih; u

Rat illi sussegwentament din giet mibdula f'ammisjoni tal-akkuzi u cioè fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2012.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 188, 189 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 32 (1)(a), (c) u (f) tal-Kapitolu 217 u-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Raad Elely hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal (1) sena prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------